MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
AUDREY DEMICOLI**

Seduta tat-30 ta' Jannar, 2004

Talba Numru. 877/2003

**Mobisle Communications Limited**

**vs**

**Carmel Cassar**

It-Tribunal;

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi prezentat fit-30 ta' April, 2003 fejn gie mitlub li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u sittin lira maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm68.91) rapprezentanti bilanc ta' prezz dovut mill-istess konvenut lil Mobisle Communications Limited skond Client Contract Number 02542 in rigwared ghal servizzi lilu rezi mis-socjeta attrici u dana fix-xhur bejn Marzu 2002 u Ottubru 2002.

Bl-ispejjez inluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2003 u bl-interessi legali kontra l-koonvenut mid-data meta l-

ammont pretiz f'din it-talba kien dovut sad-data tal-pagament .

Ra n-nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Artikolu 13 (b) tal-Kap. 380 u tal-Artikoli 698(2) u 702 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta.

Ra li ghalkemm il-konvenut gie regolarment notifikat, naqas milli jidher meta gew prezentati l-Kapitoli u anki llum, u ghalhekk in-Nota ta' Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Ghaldaqsatant it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma ta' tmienja u sittin lira Maltin u wiehed u disghin centezmu (Lm68.91), bl-imghax pagabbli mid-data tal-prezentata tal-Avviz sal-hlas effettiv.

L-ispejjes ta' din l-istanza, nkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Frar 2003, ghandhom jigu sopportati nterament mill-konvenut skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------